MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-23 ta' April, 2015

Rikors Numru. 283/2015

**Wara l-Mandati ta’ Sekwestri Numri 371/15 u 375/15 fl-ismijiet: -**

**Doris Grech (KI 32848M)**

**vs**

**Vincent George Delicata (KI 773347M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Vincent George Delicata (KI 773347M), ipprezentat fil-25 ta' Marzu 2015 fejn jesponi bir-rispett:

Illi b'zewg sentenzi tat-2 ta' Frar 2006 fil-kawzi, citazz.nri. 638/97 (GCD) u 639/97 (GCD) fl-ismijiet "Ursula Delicata et vs Joseph Scicluna et" din l-Onorabbli Qorti ddecidiet id-divizjoni ta' proprjeta' komuni bejn il-kontendenti.

Illi r-rikorrenti tippretendi illi ghandha titolu ezekuttiv ghall-gbir ta' spejjez gudizzjarji fil-kawzi fuq imsemmija meta *a tenur* ta' **l-Artikolu 253(c) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta huwa stipulat illi *"t-taxxi tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji* ***mahruga favur ta' avukat, prokuratur legali,*** *nutar pubbliku, perit arkitett jew perit iehor imqabbad mill-Qorti, jew xhud meta dawn it-taxxi ma jkunux gew attakkati skont il-ligi"* huma kunsidrati bhala titolu ezekuttiv .

Illi ghalhekk *it-taxxa* odjerna tad-drittijiet u spejjez ta' din il-kawza ma nhargitx favur avukat u prokuratur legali imma favur ir-rikorrenti Doris Grech tant li **hija tippretendi** illi hija tista' tohrog dan il-mandat ezekuttiv u tigbor dawn il-flus minghand l-intimat meta dawn l-ispejjez mhumiex titolu ezekuttiv ghaliha.

Illi dawn it-taxxi li kopji taghhom huma hawn esebiti u mmarkati bhala **dokument B u C** inhargu mir-Registratur tal-Qorti fil-5 ta' Mejju 2006.

Illi effettivament din it-taxxa mahruga lil Doris Grech hija preskritta *a tenur* tal-ligi *ai termini* ta' l-Artikolu 2157(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif *del resto* huma preskritti l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta ghal hlas tad-drittijiet gudizzjarji jew taxxi ohra *ai termini* ta' l-Artikolu 2156(g) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minn hawn jirrizulta illi l-gbir ta' flus *sia* mill-Gvern kif ukoll minn xi parti fil-kawza hlief taxxi mahruga favur l-avukat jew prokuratur legali huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' hames snin mill-hrug ta' l-istess biex b'hekk l-azzjoni tal-intimata Doris Grech waqghet preskritta fil-5 ta' Mejju 2011 u l-ittra ufficjali maghmula mill-istess Doris Grech fid-19 ta' Jannar 2015 bl-ebda mod ma interrompiet il-preskrizzjoni ghax kienet diga' preskritta.

Illi ghalhekk it-talba ghal hrug ta' dawn is-sekwestri ezekuttivi huma abbuzivi u llegali, irriti u nulli u ghandhom jigu revokati u mhassra ghal kollox minn din l-Onorabbli Qorti ghax l-intimat Vincent George Delicata kif fuq spjegat ghandu raguni valida fil-ligi.

Illi t-titoli ezekuttivi huma dawk kif naxxenti mill-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u xejn aktar u ghalhekk galadarba din it-taxxa mahruga lil Doris Grech fil-kawzi fuq imsemmija mhumiex sentenzi u/jew digrieti tal-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta; kuntratt ricevut min-Nutar Pubbliku ta' Malta jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert likwidu u li jaghlaq u li ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt u l-anqas taxxi tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji kif stipulati fl-Artikolu 253(C) hawn fuq aktar spjegat mahruga lill-avukat u/jew prokuratur legali u/jew decizjonijiet ta' arbitri registrati mac-Centru tal-Arbitragg ta' Malta u/jew kambjali u *promissory notes* mahruga skont il-Kodici tal-Kummerc u/jew ftehim ta' medjazzjoni

maghmulin esegwibbli mill-partijiet skont id-dispozizzjonijiet tal-Att Dwar il-Medjazzjoni u/jew decizjonijiet tat-Tribunal Ghal Talbiet ta' Konsumaturi l-intimata Doris Grech m'ghandhiex titolu ezekuttiv ghal hlas minnha pretiz u dan il-mandat ezekuttiv ghandu jigi revokat minnufih ghax qed jikkawza hsara lir-rikorrenti Vincent George Delicata.

Illi s-sentenzi fuq imsemmija diga' gew esegwiti bejn il-partijiet bil-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-25 ta' Settembru 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor Bisazza fejn ma ssemma' xejn dwar xi obbligi ta' hlas *ai termini* tat-taxxa mahruga mir-rikorrenti Doris Grech li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **dokument A.**

Illi r-rikorrent Vincent George Delicata dejjem sostna illi dawn l-ammonti pretizi minn Doris Grech huma preskritti *ai termini* tal-ligi u cioe` *ai termini* tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponenti jirriserva li jipprocedi kontra l-istess Doris Grech ghad-danni talli hija agixxiet b'mod abbuziv u llegali kontra tieghu meta hija kienet taf illi m'ghandhiex titolu ezekuttiv fuq it-taxxi mahruga lilha fil-kawzi fuq imsemmija *stante* illi hija ma setghet qatt titlob il-hlas fuq imsemmi wara li ghaddew aktar minn hames snin minn dik it-tali sentenza u hrug ta' tali taxxi.

Illi *inoltre* l-esponenti qed issofri danni talli gew sekwestrati lilu flus minn erba' banek ghas-somma ta' €33,000 cirka minn kull bank in kwistjoni biex b'hekk dawn ghandhom jigu lliberati immedjatament sabiex jigu minimizzati d-danni sofferti.

Ghaldaqstant l-esponenti *ai termini* **ta' l-Artiklu 281 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li harget il-mandati ta' sekwestru ezekuttivi 371/15 u 375/15 fl-ismijiet "Doris Grech vs Vincent George Delicata" rigwardanti spejjez u drittijiet skont taxxi mahruga minn din il-Qorti lill-istess Doris Grech wara s-sentenzi, citaz. numri 638/97 (GCD) u 639/97 (GCD) fl-ismijet "Ursula Delicata et vs Joseph Scicluna et" mhumiex titolu ezekuttiv skont il-ligi *ai termini* ta' l-Artikoli 253(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan l-att ezekuttiv ghandu jithassar ghal kollox ghal raguni valida skont il-ligi galadarba mhuwiex titolu ezekuttiv fid-dettam tal-ligi u tordna t-thassir ta' l-istess.

Bl-ispejjez kontra l-intimata Doris Grech b’ riserva ghal kull azzjoni ta’ danni kontra l-istess Doris Grech.

Rat id-digriet tas-26 ta’ Marzu 2015 fejn il-Qorti ordnat qabel xejn lir-rikorrenti biex jesebixxi kopja legali tal-istess Mandati ta’ Sekwestri. Ordnat in-notifika lill-kontro-parti li permezz ta’ nota fi zmien ghaxart ijiem min-notifika tal-istess ghandhom jaghtu r-ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti m’ ghandhomx jintlaqghu; u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghad-9 ta’ April 2015 fil-11:45am.

Rat ir-risposta ta’ Doris Grech datata 7 ta’ April 2015 a fol 17 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tad-9 ta’ April 2015 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru deher Dr. Ian Vella Galea ghall-intimata rapprezentata minn bintha Graziella Grech fl-Awla. Deher Dr. Edward Debono ghar-rikorrent, li prezenta kopja legali tas-Sekwestru Nru 371/15 u 375/15 rispettivament. Il-Qorti semghet it-

trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Ir-rikors gie differit ghat-23 ta' April 2015 fid-9:30a.m. ghal digriet finali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija procedura ta' revoka ta' zewg mandati ta' sekwestru ezekuttivi li l-intimata f'dawn il-proceduri harget kontra r-rikorrent odjern, u cioe l-Mandat ta' Sekwestru Numru 371/15 fejn l-istess ezekutanti kienet qed titlob l-ammont ta' €31,638.97 mahrug fit-12 ta' Marzu 2015, u l-Mandat ta' Sekwestru Numru 375/15 fejn l-ezekutanti qed titlob l-ammont ta' €1,484.12 mahrug fl-istess data.

L-ammont ta' €31,638.97 jirraprezenta spejjez u drittijiet flimkien mal-VAT fuq id-drittijiet, *ai termini* tas-sentenza moghtija fit-2 ta' Frar 2006 fil-kawza fl-ismijiet *Ursola Delicata et. vs Joseph Scicluna et.* (Citazz. 639/1997 GCD) u skont taxxa ta' drittijiet u spejjez annessa, liema ammont gie rez esegwibbli b'ittra ufficjali datata 19 ta' Jannar 2015 (Itt.180/15).

L-ammont ta' €1,484.12 jirraprezenta spejjez u drittijiet, flimkien mal-VAT fuq id-drittijiet, *ai termini* tas-sentenza moghtija fit-2 ta' Frar 2006 fil-kawza fl-ismijiet *Ursola Delicata et.vs Joseph Scicluna et.* (Citazz.

638/1997 GCD), skont taxxa ta' drittijiet u spejjez annessa liema ammont gie rez esegwibbli b'ittra ufficjali datata 19 ta' Jannar 2015 (Itt.179/15).

It-thassir qed jintalab abbazi tas-segwenti argumenti li l-ezekutat jissolleva in sostenn tat-talba tieghu:

1. **Li t-taxxi in ezekuzzjoni mhumiex atti ezekuttivi skont il-ligi** *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kap.12 in kwantu huma biss it-taxxi ghad-drittijiet u spejjez gudizzjarji li huma imsemmija fl-artiklu 253(c) tal-Kap.12 li jikkostitwixxu titlu ezekuttiv. Dan l-artiklu jirreferi biss ghal taxxi ghad-drittijiet u spejjez gudizzjarji mahruga a favur ta' avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit u arkitett jew perit iehor imqabbad mill-Qorti jew xhud filwaqt li t-taxxi annessi mal-mandati in mertu ghad-drittijiet u spejjez ma inhargux favur avukat u prokuratur legali imma favur ir-rikorrenti Doris Grech.

2. **Li t-talbiet tal-kreditrici huma preskritti *ai termini* tal-artiklu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Is-sentenzi in ezekuzzjoni inghataw fit-2 ta' Frar 2006 u l-perjodu preskrittiv kien gja skada meta l-kreditrici ezekutanta ipprezentat ittra ufficjali ghall-hlas. Ghalhekk lanqas setghu, dawn l-ittri, jinterrompu l-preskrizzjoni.

3. Li **s-sentenzi gja gew ezegwiti bejn il-partijiet** bil-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-25 ta' Settembru 2014 (**Dok.A)** fejn ma ssemma xejn dwar xi obbligu ta' hlas *ai termini* tat-taxxa mahruga mir-rikorrenti ezekutanti.

L-intimata ezekutanta opponiet ghat-talba. Hi ssostni li l-mandati in mertu inhargu abbazi tal-ispejjez gudizzjarji dovuti *ai termini* taz-zewg

sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawzi fl-ismijiet *Ursola Delicata et. vs. Joseph Scicluna,* it-tnejn decizi fit-2 ta' Frar 2006 rispettivament Cit.Nru. 638/1997 GCD u 639/1997 GCD. Ghalhekk "*hu palesi li t-titolu ezekuttivi li ghandha favur taghha l-esponenti m'humiex ai termini tal-artiklu 253(c) tal-Kap.12 izda huma ai termini tal-Art.253(a) tal-kap.12 , u cioe s-sentenzi tal-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta hawn fuq citati."*

Hi targumenta wkoll li r-rikorrent odjern kellu a disposizzjoni tieghu r-rimedju li jappella mis-sentenzi fejn gie kkundannat ihallas hmistax-il sehem minn sittax (15/16) mill-ispejjez tal-kawza kif ukoll li jattakka t-taxxa mahruga billi jitlob ritassa *ai termini* tal-artiklu 64 tal-Kap.12 pero' ghazel li ma jaghmel xejn.

Illi t-talbiet taghha mhumiex preskritti billi d-dritt taghha temani minn sentenza gudizzjarja li mhix preskritta skont l-artiklu citat. Skont **l-artiklu 258(a) tal-Kap.12**, l-ezekuzzjoni ta' sentenza wara l-gheluq ta' ghaxar snin tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti. Dan il-perjodu ghadu ma ddekorriex.

Rigward it-tielet punt, bejn il-partijiet gie ppubblikat kuntratt ta' divizjoni izda b'dan il-kuntratt gie esegwit biss parti mis-sentenzi in kwistjoni li tittratta dwar il-qasma tal-proprjetajiet komuni.

Fl-ahhar nett tissottometti li t-talba odjerna sabiex jigi dikjarat li t-taxxi rigwardanti drittijiet u spejjez mahruga in mertu mhumiex titolu ezekuttiv skont il-ligi *ai termini* tal-artikolu 253(c) tesorbita mill-iskop tal-artiklu 281 tal-Kap.12. li tippermettilu biss li jitlob li l-mandati ta' sekwestru jithassru u mhux permess dikjarazzjoni li tolqot it-titlu sottostanti.

**Fatti**

Illi l-fatti rilevanti ghall-kwistjoni huma s-segwenti.

Illi permezz tas-sentenza premessa (Cit. 638/1997) dwar qsim ta' proprjeta` komuni, insibu hekk:

"*u tordna illi l-ispejjez tal-kawza u tal-kuntratti jinqasmu hekk: l-attur Vincent George Delicata ihallas hmistax-il sehem minn sittax (15/16), il-konvenut Joseph Scicluna jhallas sehem wiehed minn tnejn u tletin (1/32) u l-konvenuta Doris Grech ukoll thallas sehem wiehed minn tnejn u tletin (1/32).*"

Illi permezz tas-sentenza premessa (Cit. 638/1997) dwar qsim ta' proprjeta komuni, insibu hekk:

"*u tordna illi l-ispejjez tal-kawza u tal-kuntratti jinqasmu hekk: l-attur Vincent George Delicata ihallas hmistax-il sehem minn sittax (15/16), il-konvenut Joseph Scicluna jhallas sehem wiehed minn tnejn u tletin (1/32) u l-konvenuta Doris Grech ukoll thallas sehem wiehed minn tnejn u tletin (1/32).*"

***Att ta' Divizjoni***

Illi fil-25 ta' Settembru 2014 gie pubblikat kuntratt ta' divizjoni bejn il-kontendenti fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza  Dan l-att gie esegwit in segwitu ghall-ordni tal-Qorti stess fejn gie mahtur in-Nutar Dottor Victor John Bisazza sabiex jippubblika l-att ta' qasma *ai fini* taz-zewg sentenzi citati.

Hu pacifiku li r-rikorrent odjern gie notifikat b'zewg ittri ufficjali mibghuta *ai termini* tal-artiklu **256(2) tal-Kap.12.**

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT</u>**

Ikkonsidrat li dan ir-rikors sar abbazi tal-**Artikolu 281 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta fejn huwa moghti d-dritt lill-persuna li jinhareg kontra taghha mandat ezekuttiv sabiex taghmel rikors fejn jintalab li l-istess mandat jithassar ghal kollox jew parti minnu, naturalment ghar-raguni valida fil-ligi.

Dan l-artiklu jiddisponi hekk testwalment:-

***281(1)*** *"Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."*

It-tifsira ta' dan l-artikolu gie trattat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "***Edward Pace v Michael Sultana”*** (PA JRM - Rik 287/05 - dec fil-5 ta' Mejju 2005). Il-Qorti osservat hekk:

*"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg[1].Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A* (illum 281) *jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;*

*Illi l-ligi ma tghidx x’tista’ tkun “raguni valida skont il-ligi”, li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista’ jinghad li mandat jista’ biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[2]. Meta l-ligi riedet tfisser f’liema cirkostanzi jista’ jintalab il-hrug ta’ Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b’reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta’ l-kawza prezenti m’huwiex Mandat kawtelatorju".*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tar-rikorrent. Jirrizulta li l-Mandati ta’ Sekwestru nhargu regolarment

[1] Ara, per ezempju, App. Civ. **1.12.2000** fil-kawza fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Civ. **25.5.2001** fil-kawza fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.414**)

[2] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (digriet interlokutorju) u

peress li gew pprezentati a bazi tas-sentenzi ndikati li ghaddew in gudikat u fuq taxxi ufficjali mahruga mir-Registratur tal-Qorti fil-5 ta' Mejju 2006 (**Dok.B u Dok c).** Dawn it-taxxi bla ebda mod ma gew ikkontestati.

L-asserzjoni tar-rikorrent fejn qed jinghad li fit-taxxa legali jigu kkunsidrati biss id-drittijiet tal-konsulenti legali ghaliex dawn huma drittijiet ezekuttivi u mhux drittijiet u spejjez ohra ndikati, riferuti u msemmija fl-istess taxxa, hija asserzjoni infondata giuridikament. L-ordni ghall-hlas tal-ispejjez gudizzjarji hija parti mid-dispositiv tas-sentenza u bhala tali, ghandha tigi kkonsidrata bhala parti mill-esekuzzjoni ta' sentenza li ghaddiet in gudikat. Skont l-**artiklu 253(a) tal-kap.12** huma titoli ezekuttivi "*(a) is-sentenzi u d-digrieti tal-qrati tal-ġustizzja ta' Malta*." Fis-sentenzi premessi, hemm ordni diretta ghall-ispejjez tal-kawza. Ghaldaqstant it-titlu ezekuttiv tal-intimata tidderiva mill-**artiklu 253(a) tal-Kap.12** u mhux mill-artiklu 253(c) kif jippretendi r-rikorrent.

Dwar dan il-punt, id-difensur tal-intimata jaghmel riferenza ghas-sentenza, citata minn din il-Qorti diversament presjeduta[3] moghtija fl-ismijiet **Emmanuele Delia vs Dottore Eduardo Cutajar M.D. (**Q.A. - 7 ta Gunju 1952) f'liema sentenza, il-Prim'Awla ghamlet distinzjoni bejn taxxa ta' drittijiet u spejjez mahruga favur avukat u taxxa tal-ispejjez tal-Qorti favur wiehed mill-kollitigandi.

Illi fis-sentenza citata fl-ismijiet **Emmanuele Delia vs. Dottore Eduardo Cutajar M.D.** (Qorti tal-Appell, 7/6/1952) gie ritenut li *"Ghandha ssir distinzjoni bejn dawk l-ispejjez li huma decizi bhala wiehed mill-kapi tad-decizjoni u l-ispejjez sussegwenti tal-ezekuzzjoni tas-sentenza; ghax l-ewwel xorta ta' spejjez huma parti mid-decizjoni eszegwibbi mal-istess*

[3] *Ludwig Limited vs Philip George Degiorgio et* – tat-12 ta' Lulju 2012 (PAMCH)

*sentenza (meta jkun hemm il-kundanna ghall-hlas taghhom), u ghalihom tista' tohrog l-ipoteka gudizzjali bhal ma tohrog ghall-meritu kanonizzat, mentri t-tieni xorta ta' spejjez ma humiex ezegwibbli bhala parti mis-sentenza, imma huma ezegwibili ghalihom kif jigu ezegwiti t-taxxi; u mit-taxxi ma tinghatax ipoteka gudizzjali".*

Dan gie affermat fil-kaz fl-ismijiet **Benigno Gatt vs. Michele Cini**, (Appelli Kummercjali, 1/12/1961 (fejn gie ribadit li "*Ma hemmx dubbju li meta l-ispejjez gudizzjarji jigu decizi b'sentenza, allura dik is-sentenza tikkostitwixxi titolu ezekuttiv taghhom."* Hawnhekk il-Qorti kompliet li "*Imma meta s-sentenza ma tkunx ikkundannat lid-debitur ghall-hlas ta' somma likwida, u lanqas biex jaghti jew jitlaq xi haga certa, u lanqas biex jesegwixxi fatt jew obbligu partikulari,*[4] *imma tikkundannah biex ihallas l-ispejjez tal-kawza, it-taxxa ta' dawk l-ispejjez ma tistax tigi esegwita qabel ma l-kreditur ikun innotifikaha ufficjalment b'att gudizzjarju lid-debitur b'interpellazzjoni ghall-hlas."* Dwar dan il-Qorti fil-kaz ta' ***Ludwig Limited v Philip George Degiorgio***[5] innotat li "*Fil-fatt, l-uniku eccezzjoni ghal din ir-regola hija fejn is-sentenza ma tkun tikkontjeni ebda kundanna ghall-hlas, izda tkun inghatat biss dwar l-ispejjez tal-kawza, kif spiss jigri meta l-mertu ta' kawza jigi ezawrit fil-mori taghha* (ara **Benigno Gatt vs. Michele Cini**, Appelli Kummercjali, 1/12/1961)."

Din il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tiddipartixxi minn dawn l-istess konkluzjonijiet.

Ghalhekk dan kollu premess, isegwi li l-mandati nhargu fuq il-bazi ta' titlu ezekuttiv li ghadu fis-sehh (iz-zewg sentenzi li huma *res judicata bejn il-*

---

[4] Riferenza ghall-**art. 256 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta**
[5] Op.cit.nota 3

*partijiet).* Inoltre, mad-daqqa t'ghajn, jidher li l-Mandati jharsu dak kollu li tipprovdi l-ligi ghall-validita' taghhom u certament inhargu minn Qorti kompetenti u kienu kollazzjonati kif imiss mir-Registratur tal-Qrati;

Illi jsegwi wkoll li l-lanjanza dwar il-preskrizzjoni mhix ammissibbli in kwantu li t-titlu ezekuttiv li jaghmel il-fonti tal-mandati huma s-sentenzi tal-Qrati taghna li ghadhom effettivi skont il-Ligi.

Inoltre l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-att ta' divizjoni ppubblikat bejn il-partijiet izda minn imkien ma jirrizulta li l-intimata rrinunzjat ghad-dritt taghha li tigbor is-sehem dovut mir-rikorrent tal-ispejjez gudizzjarji. Dan il-kuntratt gie ppubblikat b'ordni tal-Qorti u difatti gie anke nominat kuratur sabiex jidher fuqu ghall-eventwali kontumaci. Ghaldaqstant anke din il-lanjanza ma treggix.

## **III. DECIDE.**

Illi ghalhekk a bazi tal-premess jidher li l-Mandati ta' Sekwestru Ezekuttivi hargu regolarment u t-talba tar-rikorrent *stante* li ma jirrizultawx l-elementi li jistghu jwasslu ghar-revoka tal-Mandat Ezekuttiv mertu tal-proceduri odjerni skont l-**artikolu 281 tal-Kap 12** ghandha tigi michuda.

Ghaldaqstant **tichad it-talba.**

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.**

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------